MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 544/2003/1

**Austin Psaila**

**vs**

**Lother Slabick**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Marzu, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Marzu, 2003, fe intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' elf erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm1480) rappresentanti kumpens ghat-telf illi sofra l-istess attur meta tela' l-Germanja sabiex jixhed f'kawza

ghan-nom tal-konvenut, liema konvenut kien intrabat illi jaghmel tajjeb ghat-telf ta’ l-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’l-ittra legali tas-16 ta’ Settembru 2002 u tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma’l-avviz u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-26 ta’ Marzu 2003 li permezz taghha huwa eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi ma hemm ebda danni dovuti lill-attur mill-konvenut u dana kif ser jigi ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda tal-kontendenti u ta’ Marion Juliette Greco, prodotta mill-attur.

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Jannar 2004, fe il-kawza thalliet ghas-sentenza limitatament fuq l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Il-konvenut jaqbel illi l-attur kien tela’ jixhed bhala *character witness* f’kawza li kienet saret kontrieh gewwa il-Germanja rigward xi evazjoni ta’ taxxa. Dana gara ghal habta tas-sena 2000. Fil-fatt is-smiegh tal-kawza sar precisament fl-10 ta’ Ottubru tas-sena 2000 u l-attur kien qatta’ dik il-gimgha gewwa l-Germanja sabiex ikun jista’ jaghti x-xhieda tieghu. Il-konvenut ighid illi huwa sar jaf bil-pretensjoni imressqa mill-attur, u cioe’ illi kien qieghed jippretendi kumpens ghac-*charter* li kien tilef minhabba il-fatt li kellu jitla’ jixhed gewwa l-Germanja, biss meta huwa irceva ittra minn ghand il-konsulent legali ta’l-attur f’Settembru 2002. Jichad illi qabel din d-data l-attur kien kellmu dwar l-istess. Izda jammetti illi kien sar diskors ma’l-attur fis-sens illi fl-eventwalita illi l-attur jitlef *charter* minhabba f’din ir-raguni, huwa ikun lest jikkumpensah fil-

kaz li huwa jirbah il-kawza. Qatt ma sar diskors madanakollu illi l-attur diga kellu *charter* ippjanat.

L-attur min naha tieghu jikkontendi illi meta l-konvenut tallbu sabiex jitla' jixhed gewwa l-Germanija, huwa kien infurmah minnufih fil-presenza ta'l-avukat tieghu illi kien qieghed jistenna konferma ta' *charter trip* ghal dak iz-zmien u ghamilielu cara illi jekk huwa jitlef dan il-vjagg minhabba li ikollu jitla' il-Germanja, allura l-konvenut kien ikollu jikkumpensah ghat-telf ta' qliegh. Ighid illi fil-presenza ta'l-avukat u tat-tfajla tieghu Marion Greco, l-konvenut kien accetta dan. Ic-*charter trip* li l-attur tilef u li kellu isir bejn it-12 u id-19 ta' Ottubru tas-sena 2000.

L-attur jallega illi l-konvenut kien wieghdu illi huwa kien ser jithallas kumpens jew minn ghandu jew mill-Qorti u baqa' iwieghdu li kien ser ihallsu dan il-kumpens, anke meta tilef il-kawza u spicca fil-Qorti ta'l-Appell. Huwa kien wieghdu illi hekk kif tinqata' l-kawza, huwa kien ser ihallsu. Dana kollu gie ukoll ikkonfermat minn Marion Juliette Greco, prodotta mill-attur, li quddiemha kien sar dana il-ftehim. Din x-xhud tikkonferma illi matul is-sena 2001, meta hija regghet irritornat Malta, hija flimkien ma'l-attur kienu iltaqghu diversi drabi mal-konvenut u fil-presenza taghha huwa kien baqa' iwieghed lill-attur li kien ser ihallsu hekk kif tinqata' l-kawza mill-appell.

Illi sussegwentment l-attur intavola dawn il-proceduri fl-10 ta' Marzu 2003

Ikkunsidra,

Illi t-Tribunal sejjer ighaddi sabiex jezamina biss l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u cioe' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni bid-dekors ta' sentejn ai termini ta'l-artikolu 2153 tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-preskrizzjoni generali ta'l-azzjonijiet kollha ghad-danni mhux gejjien b'konsegwenza ta' xi azzjoni kriminali.

Illi jirrizulta mill-atti processwali illi l-attur sofra it-telf li dwaru saret il-presenti kawza fil-gimgha bejn it-12 u id-19 ta' Ottubru 2000. Illi jirrizulta ukoll illi l-konvenut qatt ma

gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali, izda intbaghtet lilu ittra legali datata 16 ta’ Settembru 2002 (esebita bhala Dokument SC1 a fol.31 tal-process), ghal liema ittra l-konvenut wiegeb permezz tal-konsulent legali tieghu b’ittra ohra datata 23 ta’ Settembru 2002 (esebita bhala Dokument SC2 a fiol. 32 tal-process), fejn l-istess konvenut cahad illi huwa kien ftiehem illi ser jaghmel tajjeb ghal dan it-telf ta’ qliegh u kwindi jikkontendi illi ma ghandu jaghti l-ebda flus lill-attur. Ix-xhieda ta’l-attur u ta’ Marion Juliette Greco jindikaw illi f’dan il-perijodu u cioe’ bejn it-12 ta’ Ottubru 2000 u Settembru 2002, l-konvenut qatt ma cahad illi kellu ihallas ghal dan it-telf izda kien iwieghed lill-attur illi ikun f’posizzjoni ihallas hekk kif tinqata’ l-kawza fi stadju ta’l-appell. Illi l-attur intavola l-proceduri odjerni fl-10 ta’ Marzu 2003.

Ikkunsidra,

Illi l-ligi tiddisponi tlett cirkostanzi li permezz taghhom jinkiser it-terminu tal-preskrizzjoni ta’l-azzjoni ( ara artikoli 2127 et.seq. tal-Kodici Civili). Dawn huma:

1. it-talba bl-att gudizzjarju.

2. l-gharfien tal-jedd tal-parti li kontra taghha hu ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni.

3. il-hlas akkont.

Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta illi iz-zmien minn meta l-attur seta jezercita l-azzjoni odjerna kien it-12 ta’ Ottubru 2000, meta huwa jallega illi tilef ic-*charter* li kellu ibbukkjat sabiex ikun jista’ jitla jixhed favur l-konvenut gewwa l-Germanja. Illi l-ebda ittra ufficjali ma saret mill-attur u l-azzjoni odjerna giet ezercitata fl-10 ta’ Marzu 2003, meta l-perijodu tas-sentejn kien diga’ lahaq ghadda. L-ittra legali ta’ Settembru 2002 ma kenitx bizzejjed sabiex tinterrompi l-perijodu preskrittiv, peress illi l-ligi tispecifika illi huwa biss l-att gudizzjarju li jista’ jinterrompi l-preskrizzjoni.

Illi it-Tribunal ghalhekk irid ighaddi sabiex jinvestiga jekk kienx hemm gharfien da parti tal-konvenut ta' dan il-jedd ta'l-attur, ezercitat permezz tal-presenti istanza. Illi l-attur jallega illi quddiemu u anke fil-presenza ta' Mario Juliette Greco u f'iktar minn okkazzjoni wahda l-konvenut kien ammetta li kellu ihallas ghal dan it-telf ta' qliegh jew danni subiti mill-attur bhala konsegwenza tal-fatt illi huwa tela' jixhed gewwa il-Germanja u dana fil-perijodu bejn Ottubru 2000 u Settembru 2002. Dana l-konvenut jichdu.

Illi l-gurisprudenza tghallem illi gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun wiehed car u univoku. Inoltre semplici kollokwji jew konversazzjonijiet bejn il-kreditur u id-debitur ma jammontawx ghal rikonoxximent tad-dejn u ghalhekk ma jistghu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni jew inkella jigu interpretati bhala rinunzja da parti tad-debitur ghal preksrizzjoni li ikun idekorra favur tieghu. (ara sentenza PA 15.10.2003 – Perit Arkitett Joseph Barbara vs Segretarju tal-War Damage Commission, u ukoll Appell Superjuri 30.05.2003 – Domenic Department Stores Ltd. vs Malta Dairy Products Ltd.)

Kwindi l-konversazzjonijiet li sehhew bejn il-kontendenti fil-presenza ta' Marion Juliette Greco ma jistghux iwasslu ghalll-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv, iktar u iktar meta l-konvenut qieghed jichad illi sehh dan id-diskors. Illi inoltre ghalkemm l-konvenut fix-xhieda tieghu ighid illi kien sar xi diskors dwar kumpens ghal telf ta' qliegh biss fl-eventwalita illi huwa jirbah il-kawza gewwa l-Germanja, madanakollu jidher illi dana id-diskors sar minnu qabel ma l-attur tela' jixhed gewwa l-Germanja u ghalhekk qabel iz-zmien meta l-attur seta' jezercita l-azzjoni fil-konfront tal-konvenut.

Finalment ma jidhirx illi l-konvenut qatt effettwa hlas akkont ta'l-ammont pretiz mill-attur.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-azzjoni ezercitata mill-attur hija *fuori termine* peress illi l-perijodu tal-preskrizzjoni ta' sentejn lahaq iddekorra favur l-konvenut meta gew intavolati l-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur.”

Minn din is-sentenza appella l-attur in kwantu hassu aggravat bl-akkoljiment da parti tat-Tribunal ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (Artikolu 2153, Kodici Civili) sollevata mill-konvenut. Huwa, invece, jikkontendi illi gjaladarba l-istess konvenut irrikonoxxa li huwa debitur tieghu kien hemm interruzzjoni ta’ l-istess preskrizzjoni eccepita;

Huwa pacifiku illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur-kreditur ghandu ghad-disposizzjoni tieghu diversi ghazliet possibbli biex jikkombattiha. *Ad exemplum*:

(1) L-inapplikabilita` ghal meritu tal-kaz tal-preskrizzjoni specifika. Fil-fehma tal-Qorti ma jidherx li din il-possibilita` giet sew koltivata mill-attur appellant, tenut qies tal-fatt illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2153, Kodici Civili tikkolpixxi “*l’ azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest’ ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto*” (**Kollez. Vol. XXVIII P I p 726**). La din id-difiza ma gietx ventilata quddiem it-Tribunal u lanqas permezz ta’ xi aggravju f’ din is-sede, din il-Qorti ma tistax issa, lanqas jekk trid, tissupplixxi ghan-nuqqas ta’ difiza adegwata ta’ xi parti. Dan anke ghliex, f’ materja ta’ preskrizzjoni, il-Qorti ma tistax *marte proprio* tindahal fid-difiza tal-parti u tissuggerixxi x’ messha kienet il-preskrizzjoni applikabbli ghall-fattispeci tal-kaz;

(2) is-sospensjoni;

(3) l-interruzzjoni, jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta’ xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili) jew billi juri ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal illi b’ certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f’

sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni. F' dan il-kuntest huma annoverati s-sitwazzjonijiet prevvisti mil-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili;

Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. *Ad exemplum*, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-*accounts*;

Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;

Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi *"iuxta allegata et probata*". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (**Kollez. Vol. XXX P I p 989**). Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723**);

Iccarat is-suespost, jigi sottolinejat ukoll illi l-accertament ta’ l-ezistenza, jew le, ta’ atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eccepita, jikkostitwixxi indagini ta’ fatt rizervat ghall-apprezzament tat-tribunal adit. Apprezzament li hu incensurabbli minn din il-Qorti ta’ revizjoni jekk jinstab li dan ikun sorrett minn motivazzjoni kongruwa u serja;

Dan affermat, din il-Qorti ezaminat ix-xhieda attendibbli u hi tal-fehma illi l-parti razzjonali tas-sentenza appellata, preambulari ghal parti deciziva taghha, u dejjem s’ intendi, fil-perspettiva tal-preskrizzjoni specifika mqanqla u tar-rizultanzi probatorji, ma tistax titqies affetta minn vizzji logici;

L-attur jippretendi illi kien hemm da parti tal-konvenut appellat il-weghda tal-hlas ghat-telf tac-*charter party*. Biex isahhah din il-pretensjoni tieghu huwa pproduca bhala xhud lil Marion Julietta Greco. Xhud din li, kuntrarjament ghal dak ritenut fil-korp tar-rikors ta’ l-appell, ma tistax titqies ghal kollox persuna dizinteressata fl-ezitu tal-proceduri in kwantu, kif ammess mill-attur stess, din hi “it-tfajla tieghi” (fol. 20). Minn naha tieghu, il-konvenut appellat jikkontesta l-fatt ta’ l-allegata promessa. Dan anke ghaliex, skond il-konvenut, l-attur qatt ma tgharraflu b’ xi *charter party* li seta’ kellu ppjanat fil-perijodu li l-attur tela’ l-Germanja biex jassistih fi proceduri li hu kellu f’ dak il-pajjiz. Huwa veru li, kif konfessat, il-konvenut kien b’ mod generali ftiehem ma’ l-attur illi jekk jirbah il-kawza kien lest li jkoprih ghac-*charter* mitluf. Imma tali ftehim, del resto hekk kondizzjonat, qatt ma mmaterjalizza ruhu fil-konkret. Del resto dak li forsi hu aktar importanti huwa l-fatt illi, kif mistqarr mill-konvenut, l-attur qatt ma nformah, qabel l-ittra bonarja tas-16 ta’ Settembru 2002 (fol. 32), bil-fatt li kellu *charter party* gja akkordat ghall-perijodu ta’ Ottubru 2000 meta hu tela’ l-Germanja flimkien mat-tfajla tieghu a spejjez tal-konvenut. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll illi l-attur appellant, filwaqt li jsemmi illi kien informa lill-konvenut bic-*charter*

*party* fil-presenza ta’ l-Avukat tieghu (fol. 20), lil dan, imbaghad, ma pproducihix bhala xhud;

Kollox ma’ kollox, din il-Qorti ma ssibx raguni konvincenti bizzejjed biex taccetta l-versjoni ta’ l-attur appellant u tqieghed in disparte dik tal-konvenut appellat. Anke kieku kellu jinghad li l-versjonijiet huma konfliggenti, certament jghodd f’ cirkostanzi konsimili l-enuncjazzjoni tal-Qorti fis-sentenza a **Vol. XXX P I p 989**, gja fuq riferenzjata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------